StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

**IL-LIVELL 5-6-7-8**

**L-EWWEL SENA** **IL-ĠEOGRAFIJA** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem:** ______________________________ **Il-Klassi:** ______________

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha u ikteb ċar.**
**Din hija lista ta' kliem ġeografiku użat f'din il-karta tal-eżami u t-tifsira tiegħu bl-Ingliż.**

| | |
|---|---|
| Pjanta | Plan |
| Masġar | Wood |
| Sit ta' parkeġġ | Parking area |
| Sit ta' kampeġġ | Camp site |
| Post bil-veduta | Viewpoint |
| Kwadru | Grid square |
| Vapur t'Għawdex | Gozo Ferry |
| Saff tal-blat | Rock layer |
| Għar | Cave |
| Blat kalkarju | Limestone |

Taħriġ 1

Id-disinn 1 t'hawn taħt juri pjanta ta' kamra vojta. F'nofs il-kamra pinġi l-pjanta ta' mejda kwadra, b'siġġu fuq kull naħa tagħha. Pinġi l-pjanta ta' bieb fuq in-naħa tal-punent tal-kamra kif ukoll żewġ twieqi fuq in-naħa tat-tramuntana tal-kamra. Pinġi l-pjanti u agħti l-isem ta' żewġ oġġetti differenti oħra fil-kamra biex tkun aktar sabiħa.

(10)

Disinn 1

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Taħriġ 2

Ħares sewwa lejn din il-mappa 1 ċm: ½ kilometru u wara aħdem it-taħriġ ta' hawn taħt.




Disinn 2

Żid dawn id-dettalji fuq il-mappa:

Ikteb l-isem **Michaels** ħdejn l-isem tar-raħal li qiegħed fil-majjistral tal-mappa.

Ikteb l-isem **Roses** ħdejn ir-raħal li qiegħed fil-parti ċentrali tal-mappa.

Pinġi s-sinjal li juri **żona ta' parkeġġ** lejn in-nofsinhar tal-masġar.

Pinġi s-sinjal ta' **post bil-veduta** fil-grigal tal-mappa.

Pinġi s-sinjal ta' **sit ta' kampeġġ** lejn il-lvant tal-masġar.

(10)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Taħriġ 3
Ħares lejn il-mappa (Disinn 2 f'paġna 2) u ikteb **Veru** jew **Falz** ħdejn kull sentenza.

a. Hemm raħal fil-kwadru **3702**. ____________________

b. Il-masġar jiksi l-kwadru **3601** kollu. ____________________

c. Hemm raħal fil-kwadru **3703**. ____________________

d. It-triq li tgħaqqad l-irħula hija twila anqas minn kilometru. ____________________

e. Hemm knisja fil-kwadru **3404**. ____________________

(10)

Taħriġ 4

It-temp jaffettwa l-ħajja tan-nies u l-mod kif isir ix-xogħol.

Uri dan billi timla t-tip ta' ħwejjeġ jew l-azzjoni t-tajba ħdejn id-dettalji tat-temp mil-lista li tidher hawn taħt: (Ara l-eżempju mogħti)

**kowt** **għawm** **l-ebda vjaġġ** **libsa mingħajr kmiem** **isaqqi** **jieqfu**





| **Dettalji tat-temp** | **Ilbies jew Azzjoni** |
|---|---|
| Sport popolari pprattikat fix-xhur sħan tas-sajf. | għawm |
| Tip ta' lbies li jintlibes meta t-temperatura f'Awwissu tkun 29° Celsius. | |
| Tip ta' lbies li jintlibes meta t-temperatura f'Jannar tkun 15° Celsius. | |
| Il-bidwi jrid jagħmel din l-azzjoni biex ikabbar il-prodotti matul ix-xhur niexfa tas-sajf. | |
| Meta r-riħ ikun qawwi ħafna, dan jaffettwa l-vapur t'Għawdex. | |
| Din tiġri lil xi karozzi fit-triq meta tinżel ħafna xita. | |

(10)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Taħriġ 5
Ħares sewwa lejn il-mappa tal-Mediterran (Disinn 3) u wara aħdem it-taħriġ ta' hawn taħt.




Disinn 3

Ħames pajjiżi tal-Mediterran għandhom l-ittri A sa E fuq il-mappa hawn fuq.

Immaġina li għandek il-flus u l-ħin biex iżżur dawn il-ħames pajjiżi. Ikteb l-ittri **A** sa **E** biex turi f'liema ordni tixtieq iżżur dawn il-pajjiżi u wara ikteb l-isem tal-pajjiż skont l-ittra. Pajjiż X huwa mogħti bħala eżempju.

| L-Ittri fuq il-Mappa | Il-Pajjiż |
|---|---|
| X | Il-Greċja |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

(10)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers
StudentBounty.com

StudentBounty.com

Taħriġ 6

Immaġina li inti ġeoloġista żgħir/a.
Ikteb l-isem tal-blat Malti li jaqbel ma' dawn il-karatteristiċi fit-tabella t'hawn taħt.
(Ara l-eżempju mogħti).

| Karatteristiċi | Tipi tal-blat li jinsab Malta |
|---|---|
| a) Dan huwa l-aktar blat iebes. | iż-Żonqor |
| b) Dan huwa l-aħħar blat li fforma. | |
| c) Dan huwa eżempju ta' blat sedimentarju. | |
| d) Dan il-blat ma jħallix ilma jgħaddi minnu. | |
| e) Dan il-blat jitkisser f'ramel dehbi. | |
| f) Dan il-blat jista' jintuża għall-fuħħar. | |

(10)

Taħriġ 7

i. Eżamina Disinn 4 u fuq l-istess disinn uża vleġeġ biex turi dawn l-affarijiet:

**stalagmita** **blat permeabbli** **għar** **blat impermeabbli** **stalaktita**



Disinn 4

(5)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ii. Uża l-ħames kelmiet mogħtija f'taħriġ 7 i. biex tispjega t-tibdiliet li jseħħu waqt li i
jkun għaddej fil-blat kalkarju.

(5)

Taħriġ 8




Disinn 5

Eżamina l-mappa f'Disinn 5 hawn fuq u ikteb l-ismijiet tal-ibliet u l-irħula mmarkati **A** sa **E** bl-għajnuna ta' dawn id-direzzjonijiet:

a. Lokalità A hija l-belt kapitali t'Għawdex. ________________

b. Raħal B qiegħed viċin il-Bajja tal-Għadira. ________________

c. Belt C hija magħrufa bħala l-Belt is-Siekta u qiegħda qrib ir-Rabat. ________________

d. Ħafna turisti u Maltin iżuru lokalità D li tinsab qrib il-Gżira. ________________

e. Ħafna turisti jżuru lokalità E meta jkunu sejrin jgħumu r-Ramla l-Ħamra jew San Blas.

________________

(10)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Taħriġ 9

Spjega kif dawn it-tibdiliet fit-trasport jgħinu biex itaffu l-problemi tat-traffiku.




______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________




______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________




______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

*Taxi* li taħdem bl-elettriku (12)

Taħriġ 10

Immaġina li inti l-Ministru tat-Turiżmu għal Malta.

Semmi **erba'** attrazzjonijiet għat-turisti li għandha Malta, barra l-baħar u x-xemx.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (8)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers